MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 259/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Simon Galea)**

**Vs**
Maria Borg

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 t'Ottubru, 2003 kif ukoll fix-xhur ta' qabel fin-Naxxar, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisa lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu billi hadet pussess ta' diversi oggetti inkluz flus kontanti, cheques u mezzi ta'**

**pagament ohra, liema offetti huma propjeta’ ta’ Patrick Borg u/jew tad-ditta Power Image.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputata hatja w ikkundannata ghall-piena ta’ mitejn lira Maltija (LM200) multa.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 2004, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi l-esponenti tigi ddikjarata mhux hatja w kwindi lliberata skond il-ligi; f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- li konsiderando l-imputazzjoni specifika migjuba kontra l-appellanti , fl-isfond tal-fatti w provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti , ma jistax jinghid li legalment u ragonevolment l-appellanti kellha tinstab hatja; li l-imputazzjoni hija wahda ta’ ragion fattasi b’rabta univoka w esklussiva ma flus kontanti jew cheques allegatament proprjeta’ ta’ Patrick Borg jew tad-ditta Power Image ; Li kronologikment gara li l-appellanti w zewgha kienu ntrabtu li jaghtu servizz lil Dennis Camilleri w M’Anne Bartolo skond “*wedding agreement*” datat 30 ta’ Novembru, 2001 u sussegwentement l-appellanti legittimament irceviet hlas fl-ammont ta’ LM285 permezz ta’ cheque tal-HSBC datat 2 t’ Ottubru, 2003; Illi l-appellanti kellha mhux biss id-dritt izda l-obbligu li tigbor u tircevi dan il-hlas a bazi tal-imsemmi *“wedding agreement”* ; Li meta zewgha Patrick Borg ra dan u peress li kien irrabjat fuq xi kwistjoni ta’ access ghal ibnu minuri, dderiga lill-konsulent legali tieghu sabiex jaghmel il-kwerela odjerna. . Fl-isfond ta’ dawn il-fatti zgur li r-reat ta’ ragion fattasi ma jikkonfigurax . Zewgha qatt ma kien fil-pussess tal-imsemmi cheque u l-appellanti rceviet il-hlas b’ mod legittimu . Illi bla pregudizzju l-unika imputazzjoni li se mai

setghet tiffigura , f' kaz li zewgha jitwemmen, kienet dik ta' approprjazzjoni bla jedd skond l-artikolu 293 tal-Kap.9 ; minghajr pregudizzju, l-piena nflitta hija eccessiva fic-cirkostanzi li tinsab fihom l-appellanti w tikkagunalha *hardship* meta hija trid tiehu hsieb lil binha minuri;

**Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar, 2005, u tal-lum;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi** Patrick Borg **, ir-ragel tal-appellanti , xehed li hu minnu li martu l-appellanti kienet iffirmat il-*"wedding agreement*" esebit . Pero' sussegwentement kienu jinsabu fi proceduri ta' separazzjoni . Hu kien jaghmel il-*"production*" tal-*"filming*" tat-tigiejiet u martu kienet tiehu hsieb l-*accounts*, u gieli klienti anki kienu hallsu lilha fil-passat, imma meta sseparaw dan ma baqax isir. F' dan il-kaz meta kienu gja separati de facto , martu marret ghand il-klienta , hadet ic-cheque u sarrfitu hi u hadet LM285. Huma ma jghixux fl-istess dar, imma meta gara dan il-kaz martu l-appellanti kienet regghet giet lura d-dar wara li kienet ghamlet xi zmien ghand ommha.**

L-APPELLANTI **minn jeddha xehdet li veru hadet u sarrfet ic-cheque fl-ammont imsemmi . Kienet telqet mid-dar wara dan l-incident ghax kienet ghamlet sitt xhur gewwa d-dar. Ma kienitx marret ghac-cheque hi imma kienet iltaqghet mal-klienta waqt li kienet is-supermarket u din kienet offritilha li thallasha u fil-fatt ghamlet ic-cheque favur l-appellanti u hi umbaghad sarfitu. Xehdet ukoll li dak iz-zmien kienet ghamlet**

**perjodu bla ma tircevi manteniment minghand zewgha.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur tal-appellanti ssottometta li ghalkemm seta kienu jirrizultaw l-estremi tar-reat t' approprjazzjoni indebita , f' dal-kaz ma hemmx l-elementi tar-reat ta'** ***ragion fattasi*****.**

**kkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "*ragion fattasi*" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-**

**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;**
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**
**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *"di privato braccio*" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u**
**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**
**(Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" **[17.2.95] ; "I**l-Pulizija vs. Reno Micallef" **[6.6.95],** "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri" **[18.9.2002] u ohrajn )**

**Illi l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li :-**

**"Kull min , bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi , izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu , igieghel bl-awtorita' tieghu innifsu** , lil xi hadd ihallas dejn , jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun **, …… jew b' xi mod iehor kontra l-ligi , jindahal fi hwejjeg haddiehor , jehel meta jinstab hati …", (emfasi ta' din il-Qorti) .**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-agir tal-appellanti jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-*"exercise of a pretended right"* jew "*ragion fattasi*", fl-ipotesi prospettata fil-parti tal-artikolu emfasizzata minn din il-Qorti, ghax l-appellanti , proprju gieghlet lid-debitrici ta' zewgha ghal xoghol ta' fotografiuja biex minnflok thallas lil zewgha li dak iz-zmien kien separat "de facto" minnha, thallas lilha ossia geghlitha tesegwixxi l-obbligazzjoni li kellha ma zewgha billi thallas lilha. Bil-fatt li hija kienet il-firmatarja tal-agreement mall-klienti, dan ma kienx jintitola lill-appellanti li, wara li kisritha ma zewgha, tircevi l-hlas hi, ghaliex kif spjega zewgha, wara l-"marital breakdown" , l-appellanti ma baqghetx tghinu fuq xogholu jew tigborlu flus u dan hu altru verosimili f' sitwazzjoni bhal din .**

Illi kuntrarjament ghal dak li sostna l-abbli difensur fir-rikors tal appell u fit-trattazzjoni tieghu ,jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina . Ma hemmx dubju li l-appellanti ghamlet att estrern li bih impediet lill-konjugi Patrick Borg milli jircevi w jinkassa hu c-cheque tal-hlas tas-servizzi li hu kien ta lill-klienti. Illi ma hemmx dubju li f' dak l-istadju , jekk kien dovut xi hlas ghax-xoghol ta' fotografija, dan kien dovut lilu u jekk zewgha kellu xi debitu versu l-appellanti, dan kien l-obbligu li jivversalha alimenti skond xi ordni tal-Qorti, u li eventwalment jaqsam l-effetti tal-komunjoni tal-akkwisti maghha in forza ta' xi kuntratt jew sentenza ta' separazzjoni . Hi ma setghetx di proprio braccio tuzurpa l-awtorita' tal-Qorti li tordna xi hlas lilha da parti ta' zewgha, billi tipprezenta lilha nnifisha bhala xi speci ta' mandatarja ta' zewgha li minnhu kienet diga separata de facto.

**Illi hu ovvju ukoll li l-appellanti kellha tkun konsapevoli mid-dissens u oppozizzjoni prezunta tal-konjugi taghha ghall-dan l-agir taghha , ghax qatt ma setghet tippretendi li, meta hi w zewgha kienu fil-kors ta' "marital breakdown", hu ser jaccetta li hlas dovut ghax-xoghol tieghu tippercepieh hi .**

**Jirrizulta ukoll l-element li dak li kienet qed taghmel ghamlitu ghax hasset li kienet qed taghmlu bi dritt u**

**di fatti ghadha ssostni dan sal-lum sahansitra f' din il-kawza.**

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata meta sabet lill-appellanti hatja tar-reat ta' "*ragion fattasi"* dedott kontra taghha w l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni qed jigi respint.

**Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena , il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Issa l-Ewwel Qorti f' dan il-kaz uzat id-diskrezzjoni taghha biex minnflok il-piena karcerarja erogat piena pekunjarja kif setghet taghmel skond il-proviso tal-artikolu 85 . Fil-fehma ta' din il-Qorti pero', in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u li l-hlas kien dovut lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Borg li ghadha mhux likwidata w diviza sal-lum u li tali multa ser tkompli taggrava s-sitwazzjoni finanzjarja xejn felici taghha kif ukoll, biex fil-futur ikun hemm certu fren fuq l-agir tal-appellanti, ikun ahjar f'dan il-kaz li jigi applikat il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha, tirrevokaha fejn ikkundannata ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u minflok, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------